18 ta' Frar, 1946.

**Imħallfin :**

**Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.***
**L-Onor. Prof. Dr E. Ganado, LL.D**
**L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.**

**Saċ. Don Emmanuele Attard *versus* Vincenzo Xuereb**

## Azzjoni Privileġġjata — Spoll — Molestja — Art. 571 u 572 tal-Kodiċi Ċivili (Ediz. Riveduta).

*L-azzjoni ta' spoll privileġġjat għar-reintegrazzjoni fil-pussess tal-persuna spoljata hija akkordata mhux biss fil-każ ta' spoll, imma anki meta jkun hemm sempliċi molestja. Id-differenza bejn il-każ ta' spoll u dak ta' molestja qiegħda illi l-azzjoni ta' l-ispoll hija privileġġjata meta tkun esperita fi żmien xahrejn u jkollha bħala bażi l-vjolenza jew il-klandestinità.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re li biha l-attur, wara li qal li hu qiegħed jiddetjeni b'titolu ta' lokazzjoni għall-użu ta' skola kamra, remissa u għar, li jiffurmaw parti minn razzett mingħajr denominazzjoni li qiegħed Busewdien, limiti tal-Wardija; u li l-konvenut okkultament u vjolentement

f'dawn l-aħħar xahrejn ikkommetta spolju għad-dannu tiegħu billi okkupa l-għar fuq imsemmi u qafel il-bieb tiegħu, u qiegħed ukoll xi mobbli fl-imsemmija remissa, u b'dan il-mod ipprivah mill-użu ta' l-istess kumditajiet; u talab, wara li tkun premessa kwalunkwe opportuna dikjarazzjoni u mogħti kull provvediment analogu, li huwa jiġi reintegrat fil-pussess ta' l-istess kumditajiet fuq indikati, billi l-konvenut jiġi kundannat jiżgombra mill-imsemmijin għar u remissa fuq imsemmija fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss; salva lilu kwalunkwe azzjoni għad-danni li sofra u li għad jista' jsofri minħabba l-aġir illegali ta' l-istess konvenut: bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-protest tat-2 ta' Marzu 1945;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Civili Prim'Awla tal-Maestà Tiegħu r-Re tad-9 ta' Novembru 1945, fejn laqgħet it-talba u ġie mogħti għall-finijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni żżmien ta' sitt ijiem lill-konvenuta, bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li kkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi rriżulta li l-attur kien kera minn għand Anġlu Sant ir-remissa u ħanut biex jiftaħ skola, u l-attur jippretendi li fil-lokazzjoni kien hemm anki għar..............;

Illi l-għar kien inkluż fil-lokazzjoni jirriżulta, barra mix-xhieda ta' l-attur, anki mill-irċevuti..............;

Illi għalkemm din is-sena l-attur beda juża l-għar għal skop divers, mhux vwoldiri illi l-konvenut jista' jeħodulu għax mhux inkluż fil-lokazzjoni;

Illi rriżulta li l-konvenut kien għamel xi użu mill-għar, iżda b'tolleranza ta' l-attur, u la darba l-attur ma jridx jittollera iżjed dak l-użu l-konvenut ma għandu ebda dritt;

Illi fuq ir-remissa ma hemmx dubju għax kienet f'idejn l-attur, u l-konvenut poġġa l-karrettun sakemm l-attur tefagħhulu barra;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jkunu respinti d-domandi ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-azzjoni ta' l-ispoll hija regolata mill-art. 572 tal-Kodiċi Civili (qabel art. 230 ta' l-Ord. VII ta' l-1868); u għalkemm dak l-artikolu jsemmi "spoll", a differenza ta' dak li jgħid l-artikolu ta' qabel li jsemmi l-"molestja", iżda hija ħaġa magħrufa fid-dottrina illi tant wieħed kemm l-ieħor minn dawk l-artikoli huma applikabili *tant* għall-każ ta' spoll kemm għall-każ ta' molestja, iżda d-differenza ta' bejniethom qiegħda illi d-dispożizzjoni ta' l-art. 572 hija privileġġjata, bil-kondizzjoni li tkun esperita *fi żmien xahrejn*, u għandha bħala bażi l-vjolenza jew il-klandestinità (ara fost oħrajn Pacifici Mazzoni, Vol. III, pag. 51);

Tikkunsidra;

*Illi in applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji l-attur irid jipprova* illi fi żmien xahrejn qabel l-azzjoni l-attur sofra spoll jew molestja fil-pussess ta' kwalunkwe natura tiegħu, jew fid-*destinazzjoni tal-ħaġa. In riferenza għall-għar gie pruvat, kif* tajjeb l-Ewwel Qorti, illi dak l-għar kien jifforma parti tal-lokazzjoni li kienet saret minn għand Anġlu Sant lill-attur.............. Veru illi ġie anki pruvat li l-appellant kien *qiegħed jagħmel użu minn dak l-għar, iżda dan ġara bħala* tolleranza da parti ta' l-attur, u għalhekk l-appellant ma jistax issa jippretendi li jagħmel bieb u jipprojbixxi lill-attur jew *lid-dipendenti* tiegħu li jużaw dak l-għar. L-appellant stess, li ma kienx preżenti fil-lokazzjoni meta saret il-lokazzjoni, ma jistax issa jippretendi.............. Għalhekk l-attur ġie f'dan il-każ mhux biss molestat, iżda anki spoljat vjolentement mill-appellant per mezz ta' bieb li dan għalaq *biex l-attur* u d-dipendenti tiegħu ma jidħlux f'dak l-għar;

Tikkunsidra;

Illi in riferenza għar-remissa, id-difensur ta' l-appellant *fit-trattazzjoni ta'* dan l-appell qal illi l-klijent tiegħu qatt ma ppretenda xejn in rigward ir-remissa; iżda rriżulta mix-xhieda ta' l-istess appellant mogħtija fl-aħħar seduta illi huwa kellu karrettun *f'dik ir-remissa, li qal li kien tah il-permess* relativ; iżda meta qallu jneħħih minn hemm u huwa ma neħ-

hiehx, tefaghhulu barra, u wara l-appellant rega' qieghdu hemm mill-ġdid. Dan jissinifika illi l-attur sofra molestja fid-detenzjoni li huwa ghandu tal-post minn ghand l-appellant, illi *vjolentement rega' dahhal hemm* il-karrettun li kellu; u dan kien fi żmien ta' anqas minn xahrejn qabel ma saret il-kawża;

Ghal dawn ir-raġunijiet u ghal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tirrespingi l-appell tal-konvenut u ghalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; bl-ispejjeż relativi kontra l-appellant.